MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 160/1997/1

John Barbara
vs
Air Malta Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tad-29 t'April 1993, huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni ghal-grad ta' Supervisor Engineer.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. Illi r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta` intimata u kien fil-grad ta' Aircraft Maintenance Engineer.

2. Illi r-rikorrent beda training f’aircraft engineering f’Ottubru 1979, wara li gie accettat bhala trainee engineer.

3. Wara li lesta b’success dan il-kors f’Settembru 1983, ir-rikorrent impjegat fil-grad ta’ Engineer I, minn Frar 1984 (Dok A).

4. Illi dan il-grad gie rigradat f’Engineer II wara r-riorganizazzjoni fl-Engineering Department tas-socjeta` intimata.

5. Illi l-grad oghla minn dan l-imsemmi grad fl-istruttura tas-socjeta` intimata huwa dak ta’ Supervisor Engineer.

6. Illi fis-17 ta’ Settembru 1992 saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta’ Supervisor Engineer (Administration Circular no. 41/92) li ghaliha r-rikorrent applika u kien intervistat fil-25 ta’ Jannar 1993.

7. Illi l-applikanti li ntghazlu gew avzati fid-29 ta’ April 1993 u r-rikorrent ma giex maghzul.

8. Illi l-inizzjattiva, l-interess u l-verstilita` fix-xoghol murija mir-rikorrent kienet mill-bidu nett ferm ahjar minn ta’ dawk li ntghazlu.

9. Illi r-rikorrent dejjem accetta r-responsabilitajiet imposti mis-superjuri tieghu ahjar minn dawk li ntghazlu u qatt ma ghamel dan bi gwadann ghalih jew bi tharis tal-interessi personali tieghu.

10. Illi l-esperjenza bhala engineer ma gietx mehuda in konsiderazzjoni mill-bord t’intervista billi individwi b’anqas esperjenza gew promossi f’dan il-grad.

11. Illi l-anqas il-kwalifiki ma gew mehuda in konsiderazzjoni mill-bord t’intervista.

12. Illi l-htiega biex jimtela dan il-grad kienet ilha tezisti tmien snin minn meta barrani temm l-impjieg mas-socjeta` intimata f’Ottubru 1984.

13. Illi wara li telaq dan il-barrani r-rikorrent gie moghti aktar responsabilitajiet mill-kollegi tieghu li gew promossi.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' Supervisor Engineer b'effett mid-29 ta' April 1993, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat il jithallas lir-rikorrent kumpens f'ammont ta' hamest elef liri Maltin (Lm5000) jew somma verjuri.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-Air Malta Company Limited li eccepiet:

Illi preliminarjament dan it-Tribunal m'ghandux jiehu konjizzjoni tar-rikors billi l-istess rikorrent diga adixxa lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan a tenur ta' l-Artikolu 6(2) ta' l-Att No. VIII ta' l-1997.

Bla pregudizzju ghal premess illi l-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors ta' John Barbara jimmeritaw illi jigu michuda kompletament ghar-ragunijiet segwenti:

1) Il-promotion ghall-kariga ta' "supervisor" giet moghtija lill-erba' kandidati li gew klassifikati fl-ewwel erba' pozizzjonijiet wara li saret "interview" quddiem bord kompost minn Mr. Louis Giordimaina, Mr. Michael Warrington u Dr. Chris Spiteri. Il-persuna li giet klassifikata fir-raba' post gabet 235 bhala marka globali. Mr. Barbara gie klassifikat fis-sitt post u gab 190 bhala marka globali. Kopja tar-rizultat rispettiv gie mehmuz mar-risposta.

2) Ir-rikorrent dahhal l-appell tieghu quddiem il-"Company's Appeals Board". Dan l-appell gie rifjutat. Kopja tal-Appeals Board Report huwa hawn wara mehmuz.

3) Il-fatt illi l-kariga in kwistjoni kienet ilha vakanti sa mill-1984 huwa irrelevanti minhabba illi hija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Kumpanija sabiex tiddeciedi meta tezisti kariga vakanti.

4) Il-kumment ta' John Barbara illi huwa ahjar mill-kandidati maghzula huwa biss opinjoni personali u suggettiva tieghu.

5) Mill-file personali tar-rikorrent jidher fic-car illi hija infundata l-allegazzjoni li huwa kien kwalifikat aktar mill-kandidati maghzula kollha. Ghar-rigward l-A Levels il-kwalifiki tieghu huma anqas minn dawk tal-kandidati maghzula. Wiehed minn dawn ta' l-ahhar huwa sahansitra gradwat mill-Unversita` ta' Malta.

6) Il-kariga ta' supervisor tirridkjedi certi kapacitajiet ghar-rigward ta' leadership liema kapacitajiet johorgu f'interview u mhux b'referenza ghas-seniority tal-persuna in kwistjoni. Nonostante dan, wiehed mill-erba' kandidati maghzula kellu tmien snin aktar bhala 'seniority' mir-rikorrent fi hdan il-kumpanija. Tnejn ohra gew impjegati fl-istess gurnata li gie impjegat ir-rikorrent u l-iehor li gie impjegat sentejn wara huwa gradwat mill-Universita` ta' Malta u llum jokkupa l-kariga ta' Chief Engineer ta' AZZURRA AIR.

7) Ir-rikorrent gie moghti promotion u ghalhekk beda jokkupa l-kariga ta' Supervisor mill-1 ta' Jannar 1997 flimkien ma' tmien applikanti ohra. Dawn il-promotions gew moghtija mill-Kumpanija skond ftehim mal-Union minghajr ma kien hemm ebda vacancy call mahruga. Il-lista tas-seniority sa mid-29/07/1992 hija hawn wara mehmuza.

Ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandux jilqa' t-talba tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li gie impjegat mal-Airmalta fl-1979 bhala 'Trainee Ground Engineer, u ha l-hatra ta' Ground Engineer fl-1984. Semma li f'Settembru 1992, applika ghal Supervisor u qal li l-applikanti nqassmu f'zewg gruppi, grupp wiehed gew intervistati fl-10 ta' Dicembru 1992 u t-tieni grupp gew intervistati f'Jannar 1993. Spjega li hu kien originarjament imsejjah mal-ewwel grupp izda peress li kien ser ikun imsiefer, gie pospost ghal mat-tieni grupp, u z-zewg gruppi gew intervistati minn J.P. Farrugia, M. Warrington, u L. Giordimaina. Qal li l-mistoqsijiet kienu l-istess ghaz-zewg gruppi, u ghalhekk hu kien ippreparat sew ghad-domandi u qal li rrispondihom sew. Zied ighid li s-Sur Giordimaina, li kien jirraprezenta lid-Dipartiment tal-Engineering, kien esprima bil-kitba li tigi promossa certa persuna specifika, lis-Sur Anthony Borg ghax skond hu, dan kellu iktar seniority u esperjenza. Semma li f'Mejju 1993 infurmaw lil Anthony Borg, John Borg Costanzi, Carlo Galea u Aurelio Micallef Grimaud li kienu gew maghzula ghal Supervisors, filwaqt li hu ma ntghazilx. Spjega wkoll, li skond il-ftehim kollettiv, il-promozzjonijiet riedu jinghataw abbazi ta' 'seniority', esperjenza, efficjenza, hila, kapacita` u kwalifiki, li qal hu kellu minn dawn il-kwalitajiet bl-abbundanza meta mqabbel mal-erbgha li lahqu 'supervisors' f'Mejju 1993. L-ewwelnett, qal li hu 'senior' ghas-Sur Borg, ghas-Sur Micallef Grimaud u anke ghas-Sur Galea. Fir-rigward ta' esperjenza, qal li s-Sur Borg ghamel il-maggoranza taz-zmien fuq ix-shift, u ghamel perjodu limitat hafna fil-Major Maintenance Section, filwaqt li hu ghamel seba' snin f'din is-sezzjoni. Qal ukoll li

s-Sur Micallef Grimaud hadem parti kbira miz-zmien tieghu fl-Airmalta, fil-Major Maintenance Section, u fil-Line Maintenance Section ftit li xejn hadem. Ghaldaqstant, qal li hu kellu esperjenza varja iktar minn dan Grimaud peress li hu ghamel zmien itwal fiz-zewg sezzjonijiet. Semma wkoll li s-Sinjuri Galea u Borg Costanzi kienu damu snin biex jiehdu r-responsabbilta` tal-varji 'company approvals', filwaqt li hu kien accetta dawn l-'approvals', snin qabilhom, li tissarraf f'esperjenza kbira.
Fir-rigward ta' efficjenza, qal li meta accetta l-'approvals' wera iktar efficjenza u responsabbilta` mit-tlieta l-ohra li ntghazlu. Zied ighid li wera iktar efficjenza minnhom ukoll meta accetta sa mill-1986, it-touring tal-ajruplani, minghajr hlas addizzjonali, hekk kif jidher minn dok a fol 124. Fir-rigward ta' hila, qal li hu gie fdat il-post ta' Supervisor in charge ta' shift shih ghal diversi drabi bejn l-1986 u lura, u dan ghamlu bl-akbar responsabbilta` u ma kellux rapporti hziena. Semma li dan l-inkarigu nghata lilu u mhux lil wiehed mill-ohrajn li ntghazlu ghall-promozzjoni. Zied ighid li f'April 1987, gie fdat l-inkarigu tas-'Certificate of Acceptance', li kien ifisser li hu kellu r-responsabbilta` li jaccetta jew jirrifjuta l-ajruplan jekk ma jkunx konformi mal-kuntratt miftiehem. Fir-rigward ta' kapacita`, qal li hu ippartecipa f'diversi inkjesti u progress meetings. Fir-rigward ta' kwalifiki, qal li hu kellu kwalifiki akkademici ahjar minn tas-Sur Borg. Qal ukoll li kien ghamel kors ghand il-Boeing gewwa l-Amerika tal-Aircraft Structural Repair, li ma kien ghamlu hadd iktar, sa dak iz-zmien tal-intervista u kien ghamel ukoll kors dwar l-Aircraft Taxxing, li l-kollegi l-ohra li ntghazlu, ma kienux ghamluh. Hu allega li l-promozzjonijiet gew manipulati, u hu dehrlu li wara l-kontribut li kien ta lill-Kumpanija kellu jsir Supervisor. Fl-ahharnett, semma li l-ewwel kienet inholqot vakanza wahda ghal supervisor, imbaghad kienu saru erba', is-Sur Borg kien ha post is-Sur Price, is-Sur Borg Costanzi, sar Supervisor fil-Major Maintenance Section, is-Sur Micallef Grimaud sar ukoll Supervisor fil-Major Maintenance Section, u s-Sur Galea sar Supervisor minflok Natalino Formosa.

In kontro-ezami qal, li kien ghamel appell quddiem il-bord tal-Airmalta, u kien deher quddiem Alphonse Caruana, u l-

ezitu kien li l-bord li kien jaghmel l-intervisti kien naqas milli japplika l-ftehim kollettiv. Hu kompla jsostni li hu iktar kompetenti minn dawk li ntghazlu. Semma li veru li Micallef Grimaud gradwat tal-Universita’ ta’ Malta izda kien nieqes mill-lant tax-xoghol. Specifika li Micallef Grimaud hu gradwat bhala Engineer, pero` mhux specjalizzat fuq l-ajruplani. Semma wkoll li saz-zmien meta saret l-intervista kien ghamilha kemm ta’ Acting Supervisor kif ukoll ta’ shift in charge. Hu rrefera ghall-fatt li kien ircieva l-avviz, ghall-intervista ghand il-mama tieghu u mhux id-dar tieghu, lejliet l-intervista, u qal li hu meta zzewweg mar joqghod H’Attard u kien ilu jircievi posta mill-Airmalta, inkluz kartolini tal-Milied minghand ic-Chairman ecc, kien jircievi kollox H’Attard. Fir-rigward ta’ ittra esebita a fol 173, hu kkonferma li dik hi kopja ta’ ittra li baghat hu, u kien baghatha, bl-indirizz ta’ Bormla minhabba li kienet tirreferixxi ghas-sick leave tal-1985.

Xehdet Cettina Barbara, mart ir-rikorrent, li qalet li fl-1992 ir-ragel taghha kien jahdem bhala Ground Engineer, u kien applika bhala Supervisor Engineer. Qalet li darba kien cemplilha biex ighidilha li mhux sejjer id-dar, u minn night shift, qal li ser jibqa’ sejjer dritt ghall-intervista li kien intiz ghad-9 ta’ filghodu. Qalet li hu kien hassu mar tajjeb.

Xehed Victor Camilleri, Supervisor Engineer mal-Airmalta, li qal li f’Dicembru 1992 kien attenda ghal intervista. Qal li jiftakar li r-rikorrent kien kellmu biex jistaqsieh x’tip ta’ domandi kienu qed jistaqsu, u qal li hu ma tantx kien ta dettall. In kontro-ezami, qal li ma deherlux li l-kumpanija kienet talbet xi seniority. Qal li esperjenza lkoll kellhom. Semma li jiftakar li fl-1992 ntghazlu Anthony Borg, Carlo Galea, John Borg Costanzi u Aurelio Micallef Grimaud. Semma wkoll li hu kien gie notifikat bl-intervista xi erbat ijiem qabel.

Xehed Ray Cordina Supervisor mal-Airmalta, li qal li x-xoghol taghhom hu ta’ maintenance tal-ajruplani, u kellu nies tahtu, u ilu f’din il-kariga ghal 17-il sena. Semma li r-rikorrent kien jahdem tahtu, u qal li r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta’ supervision. Qal li Joe Vella jidher li kien diga Supervisor. Spjega li s-sistema ta’ kif issir Supervisor

mhux dejjem hadmet l-istess; fis-sens li meta sar hu fl-1975, kienu saru awtomatikament, u t-tieni grupp li kien fih ir-rikorrent kienu saru wara l-intervisti. Qal li r-rikorrent kien jaghmel xoghlu ta' Supervisor tajjeb hafna. In kontro-ezami, qal li fix-shift ikun hemm erba' jew sitt Supervisors, u dawk li jaghmlu doveri ta' Supervisor ikunu jew supervisors jew inginiera.

Xehed George Borg, li qal hu licensed engineer u jahdem bhala technician mal-Airmalta, li qal kien jahdem fis-sezzjoni tal-Line Maintenance fl-1992. Zied ighid li hu kien shopsteward tal-General Workers' Union fl-istess sezzjoni, izda qal li c-Chief Engineer kien jirrifjuta li jiltaqa max-'shopstewards', u kien jiltaqa' biss ma' Paolo Hili. Qal li wara li lmenta mal-Union is-Sur Giordimaina kien baqa' ma ltaqax maghhom. Qal li meta hargu l-postijiet ghal supervisor, kien hemm ukoll is-Sur Giordimaina fil-Bord.

Xehed Geoffrey Desira, Engineer mal-Airmalta li qal ilu jaf lir-rikorrent, u fl-1992, 1993, kienu saru xi ezamijiet u hu applika, flimkien ukoll mar-rikorrent. Semma li fil-bord, kien hemm Warrington, Joseph Farrugia u Louis Giordimaina. Qal li meta dahal ghall-intervista, kien staqsieh domandi teknici s-Sur Louis Giordimaina. Qal li dak iz-zmien hu kien gradwat fl-inginerija, u ma kienx ikkwalifika ghal dak l-ezami. Semma li kienu kkwalifikaw Anthony Borg, Carlo Galea, John Borg Costanzi u Aurelio Micallef Grimaud. Zied ighid li Grimaud kien iggradwat fl-inginerija bhalu, izda l-ohrajn ma kinux. In kontro-ezami, qal li Anthony Borg kien l-iktar wiehed anzjan fl-Airmalta, qal li wara kien hemm hu, u wara kien hemm Carlo Galea u John Borg Costanzi, kif ukoll is-Sur Barbara kien dahal flimkien maghhom u Micallef Grimaud kien dahal xi sentejn wara.

Xehdet Rita Taylor East Manager Human Resources fl-Air Malta, li esebiet dokument a fol 154, fejn jirrizulta l-kwalifiki u s-seniority tal-5 minn nies, John Barbara, Carlo Galea, John Borg Costanzi u Anthony Borg u Aurelio Micallef Grimaud. Esebiet il-'history of employment' ta' John Barbara, Anthony Borg, John Borg Costanzi, Carlo

Galea u Aurelio Micallef Grimaud a fol 161. Qalet li jirrizulta li Anthony Borg dahal bhala Technician fl-1976, u Micallef Grimaud kien student worker fl-1981 u dahal mal-kumpanija fi Frar 1981, u kien dahal mill-ewwel fl-Engineering Department. Semmiet li Barbara dahal bhala Trainee Engineer f'Ottubru 1979 u Borg dahal bhala Technician f'Novembru 1976. Qalet ukoll li Carlo Galea dahal ftit wara f'Marzu 1980.

Xehed Dennis Vella li qal bejn l-1979 u l-1995 kien jahdem bhala Trainee Engineer l-Airmalta. Qal li jiftakar lir-rikorrent u li fil-fatt, kienu dahlu fl-istess grupp fl-1979. Iddeskriva lir-rikorrent bhala bniedem kapaci jmexxi n-nies u jahdem tajjeb. Qal li r-rikorrent kien wiehed li hadem f'diversi aspetti u allura kien wiehed mill-iktar nies li jaf fuq is-suggett. Semma li John Barbara kellu iktar esperjenza minn Carlo Galea, u dan minhabba li ghamel zmien itwal fil-major maintenance. Semma ukoll li Anthony Borg kellu inqas esperjenza bhala ground engineer mir-rikorrent, filwaqt li Micallef Grimaud kien dahal diga kwalifikat izda kellu inqas esperjenza fuq ajruplani. Zied ighid li r-rikorrent u John Borg Costanzi kienu tal-istess livell. In kontro-ezami, qal li veru li Anthony Borg dahal qabilhom mal-kumpanija, izda qal li hu kien technician u sar engineer warajhom u qal li Borg sal-1984 kien ghadu Technician.

Xehed Stefan Grech Supervisor fl-Airmalta li spjega d-differenza bejn line maintenance u major maintenance, fil-fatt li fuq il-line, isir xoghol li jirrikjedi kuntatt fl-ajruplan biex isir 'trouble shooting' u 'repair', filwaqt, li x-xoghol fil-Major Maintenance hu xoghol fejn l-ajruplan jizzarma, u jrid ikollok esperjenza biex tista' tara d-differenzi fl-istruttura tal-ajruplan, jekk hix tajba jew le. Hu kkonferma li r-rikorrent kien hadem fiz-zewg sezzjonijiet.

Xehed Louis Spiteri Supervisor fl-Airmalta li qal dahal fl-1979 u jaf lir-rikorrent peress li kienu jahdmu flimkien fil-Major Maintenance Section fl-1983, 1984. Qal li kien hemm ir-rikorrent jahdem tahtu u certu John Simmons li kien Supervisor ukoll fejn dan tal-ahhar kien dam biss xi xahrejn. Qal li Simmons ma kienx gie sostitwit, u allura

meta kien ser ikun imsiefer u ma kienx ser ikun hemm, kien javza lil ta' fuqu u kien jiehu hsieb hu.

Xehdet Helen Camilleri Deputy Group Head fis-sezzjoni tar-Rizorsi Umani mal-Airmalta, fejn qalet li ghamlet verifiki dwar ir-rekords u l-indirizz tar-rikorrent semmiet li l-indirizz originali kien 61, St. Helen Street, Cospicua, u sa Ottubru 1991 kien intuza dak l-indirizz. Qalet li fir-rigward tal-intervista, kienu baghtu lill-applikanti kollha fil-25 ta' Jannar 1993, ghall-intervista li kellha tkun fid-29 ta' Jannar 1993. Qalet li f'Novemru 1992, meta baghtu ghalih ghall-ewwel intervista, ma kien qal xejn fir-rigward ta' indirizz zbaljat.

Xehed Louis Giordemaina Chief Executive mal-Lufthansa Technic, li kien Chief Engineer tal-Airmalta, u li qal fl-1992, kien hemm sejha ghal Supervisors mal-Airmalta u kien fuq il-Bord tal-Ghazla. Semma li z-zewg membri l-ohra fuq il-Bord kienu Dr Joe Farrugia u Michael Warrington. Spjega li l-kriterji li ntuzaw waqt l-ghazla kienu, l-kwalitajiet tal-bniedem, leadership skills, kwalifiki, il-performance tieghu, u r-responsabbilta` li kien ikollu fix-xoghol tieghu qabel numru ta' domandi teknici li staqsew dak il-hin. Qal li l-domandi li saru lill-applikanti kienu l-istess, u li taw marka globali, mhux ghal kull kriterju. Zied ighid li biex wiehed ikun engineer supervisor, wiehed mill-aktar fatturi mportanti li kienu jaraw, kien il-leadership skills. Qal li l-kwalifiki kellhom importanza, izda l-kwalifiki diga' kienu hemm tal-applikanti kollha. Wara li ra l-ittra esebita a fol 40 tal-process, hu kkonferma li l-ittra kien baghtha hu lir-rikorrent u kien iffirmaha hu stess. Dwar dan, qal li kien hemm xi negozjati mal-General Workers' Union, biex tinghata 'automatic promotions' lil xi inginiera, u wara li n-negozjati hadu fit-tul, qal li l-promozzjoni, waslet ukoll. Zied ighid li hu qal ma kellux problemi mar-rikorrent, hu kien jahdem fis-sezzjoni tieghu u qatt ma kellu problemi mieghu.

In kontro-ezami, qal, li peress li l-'airlines' Maltin huma responsabbli lejn id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, il-Quality Section tal-AirMalta, tkun trid tohrog l-approval fuq dak it-tip ta' ajruplan li tkun topera bih il-kumpanija.

Ghaldaqstant, semma li minhabba din is-sistema tal-‘approvals’, l-engineera u s-supervisors kien necessarju wkoll li jkollhom l-approvals. Semma li minn dokumenti li ra, jidher li r-rikorrent kellu approvals fuq zewg tipi ta’ ajruplani li kienet topera l-Airmalta dak iz-zmien, B720, Boeing 720B u Boeing 737. Semma li l-approval li qed jispjega u ghadu kif irrefera ghalih, ir-rikorrent kellu. Ra ittra li kiteb hu datata 13 ta’ Mejju 1992, fejn irrefera ghal Anthony Borg li kien inginier fuq l-istess shift, u peress li dak is-shift partikolari spicca b’supervisor nieqes, kien ghamel rakkomandazzjoni lill-General Manager tieghu dak iz-zmien, fejn qal li Anthony Borg kien wiehed mis-seniors, kellu certu esperjenza, u li kellu jiehu over minflok is-supervisor nieqes li kien hemm. Semma li dan hu l-istess Anthony Borg li eventwalment, ikkwalifika bhala supervisor meta saru l-intervisti. Fir-rigward ta’ Aurelio Micallef Grimaud, qal li qieghed Maintenance Manager u jahdem tahtu fil-Lufthansa Technic Malta.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi fil-21 ta’ Mejju, 1988 it-Tribunal iddecieda fuq l-eccezzjoni preliminari tal-intimat li r-rikorrent gja adixxa lil Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji billi cahad din l-eccezzjoni minhabba li l-Kummissjoni kienet semplicement asteniet milli tiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent.

L-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li ma inghatax il-grad ta’ Supervisor Engineer fid-29 ta’ April, 1993. Fil fatt f’dik l-okkazzjoni hadu l-promozzjoni

Carlo Galea

John Borg Costanzi

Anthony Borg

Aurelio Micallef Grimaud.

Wiehed mix-xhieda prodotti u li kien fuq l-interviewing Board kien Louis Giordemaina. Dan spjega li l-kriterji li ntuzaw waqt l-ghazla kienu, l-kwalitajiet tal-bniedem, leadership skills, kwalifiki, il-performance tieghu, u r-responsabbilta` li kien ikollu fix-xoghol tieghu qabel numru ta’ domandi teknici li staqsew dak il-hin. Qal li l-domandi li saru lill-applikanti kienu l-istess, u li taw marka globali,

mhux ghal kull kriterju. Zied ighid li biex wiehed ikun engineer supervisor, wiehed mill-aktar fatturi mportanti li kienu jaraw, kien il-leadership skills.

Biex it-Tribunal ikun jista' jasal li saret ingustizzja kif isemmi l-Kap 394 hu necessarju li jigi ppruvat li wiehed jew aktar mill-kriterji ghall-promozzjoni ikunu gew miksura. Naturalment dan l-aktar li jirreferi ghal dawk il-kriterji li huma oggettivi ghax hu ferm difficli ghat-Tribunal li jsib li ma gewx applikati tajjeb il-principji suggettivi sakemm mhux fl-allokazzjoni generali tal-marki ghal kull kriterju.

Dwar Seniority bejn ir-rikorrent u dawk li hadu l-hatra jinghad li l-aktar li kellu seniority kien Anthony Borg [29-11-76]. Wara r-rikorrent, Galea, u Borg Costanzi kollha kienu lehqu f'dak il-grad fl-istess jum [1-2-84]. Micallef Grimaud lehaq wara u cioe` fis-17 ta' Frar 1986. Dan iwassal li r-rikorrent inqabez minn Micallef Grimaud. Issa dan kien gustifikat?

Meta wiehed ihares lejn il-kwalifiki jsib li Micallef Grimaud kien l-aktar kwalifikat u cioe' li barra li kellu 10 'O' Levels u 4 'A' levels kellu Degree in Mechanical Engineering ta' l-Universita` ta' Malta. L-anqas kwalifikat kien Anthony Borg b' 4 'O' levels u Mechanical Certificate izda dan kellu tmien snin aktar seniority.

Meta wiehed jigi biex jezamina bejn ir-rikorrent, Galea, u Borg Costanzi u cioe` t-tlieta li kellhom seniority indaqs isib li l-inqas kwalifikat kien propju r-rikorrent ghax hu kellu 7 'O' levels waqt li Galea 11 u Borg Costanzi 9. Ir-rikorrenti kelli 'A' level wiehed fil-Physics, waqt li Galea 2 fil-Physics u Matematika, u Borg Costanzi 3 – Physics, Matematika, u Malti.

Dan kollu jwassal li t-Tribunal mhux sodisfatt li saret xi ingustizzja meta ma giex moghti l-promozzjoni r-rikorrent. Veru li hemm kwalifiki ohra ta' natura suggettiva izda ma hemmx prova sufficjenti ghal dak li qieghed isostni r-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------